MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 864/2007

Av. Dottor David Tonna bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Reebok International Limited
vs
Dr. Patrick Valentino u l-P. L. Louisa Tufigno li b'digriet tat-12 ta' Settembru 2007 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` Eurl Matoughi Imp/Exp El Madher Batna 05000 Algeria

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Dr. David Tonna ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Reebok International Limited li bih espona:

1. Illi s-socjeta` Reebok International Limited ta' Moor Lane Mill, Lancaster LA1 1GF, tar-Renju Unit hija proprjetarja ta' diversi markji, fosthom il-markju "REEBOK" u l-markju distintiv maghruf bhala "Stripecheck II Design",

liema markji huma wzati minn din is-socjeta’ fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal abbiljamenti tal-hwejjeg, zraben sportivi, brieret u prodotti ohra, u dan skond kif jidher fuq id-Dokumenti “A” u “B”;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta’ propjeta` industrijali ta’ l-istess markji “REEBOK” u “Stripecheck II Design” fil-komplessita` taghhom registrati fir-Registru tal-Markji f’Malta taht Trademark No. 17143 (kif muri f’Dok. “A”), u Trademark No. 22324 (kif muri f’Dok. “B”), kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta` rikorrenti ghandha d-drittijiet ta’ l-awtur fuq id-disinn jew xoghol artistiku “Stripecheck II Design” u dan kollu ai termini tal-Artikolu 2 tal-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi jirrizulta li fl-10 ta’ Lulju 2007 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV “CMA CGM PASSIFLORE”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ zraben sportivi li jgibu l-markju “REEDOK” li hu simili hafna u kwazi identiku ghal-markju tas-socjeta` attrici “REEBOK” fuq imsemmija, liema konsenja tikkonsisti fi tmint elef u erbgha mitt (8,400) par zraben sportivi, b’Container Numru CMAU5131245 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-projibizzjoni tal-Artikolu 4 tal-Kap 414;

4. Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru NBHY002216C jirrizulta li l-konsenjatarji taz-zraben sportivi in kwistjoni huma indikati bhala Eurl Matoughi Imp/Exp El Madher Batna 05000 Algeria, mentri jirrizulta li d-dettalji tax-***Shipper*** huma ndikati bhala Chal Global Limited Flat/Rm 1610 Nan Fung Tower 173 Des Voeux Road Central HK;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-propjeta’ intellettwali huwa projbit skond l-Artikolu 4 ta’ l-istess Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. Illi dawn iz-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ propjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-Artiklu 2(1)(a)(i) tal-Kap 414, li favur taghha huwa irregistrat il-markju “REEBOK”, kif ukoll jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 li tirrigwarda l-azzjonijiet li tiehu d-Dwana kontra prodotti li huma sospettati li jikkontravvjenu certi drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali u l-mizuri li jridu jittiehdu kontra prodotti li jinstabu li jikkontravvjenu l-imsemmija drittijiet, u dan kollu kif ben spjegat mill-analizi li ghamel rapprezentant tas-socjeta` estera Adidas International Marketing B.V. ghas-socjeta` rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. “C”);

7. Illi din il-konsenja ta’ zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap 414 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li gew provvduti lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista’ jiddeciedi dwar il-kaz (ara kopja ta’ l-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. “F”);

8. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita` Ewropeja u fil-kazistika tal-‘European Court of Justice’ li r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri ta’ l-Unjoni Ewropeja u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003 ghandhom jigu invokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

9. Illi l-Avukat Dr. David Tonna noe jiddikjara li l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Għaldaqstant, ir-rikorrent nomine talab lill-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zraben sportivi in kwistjoni, li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u dan skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) tal-Kap 414 u/jew skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' zraben sportivi, li tikkonsisti fi tmint elef u erba' mitt (8,400) par, da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap 414, u dan fil-konfront tat-***Trademark*** irregistrat f'isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numru 17143 fir-Registru tal-Markji ta' Malta;

3. Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' zraben sportivi tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 2(1)(a)(i) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-***Trademark*** irregistrati f'isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numru 17143 fir-Registru tal-Markji ta' Malta;

4. Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` rikorrenti a bazi ta' l-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` intimata, skond l-Artiklu 8 tal-Kap 414;

5. Tordna kull rimedju iehor li tista' skond it-termini ta' l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti;

6. Tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap 414;

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta` intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent nomine.

**B. RISPOSTA:**
Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li biha esponew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero` jirriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Gie prezentat affidavit ta' George Agius, ufficjal mad-Dwana ta' Malta bhala Spettur fis-sezzjoni tal-infurzar li fih issemma li l-***container*** numru CMAU5131245 kien inhatt gewwa l-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM PASSIFLORE fl-10 ta' Lulju 2007 u kien gie maghzul ghal kontroll fiziku tal-kontenut tieghu. Skond il-polza ta' tghabija li ggib in-numru NBHY002216C tal-vjagg numru NF003W li giet ipprezentata mill-agent tal-vapur imsemmi, jigifieri CMA CGM (Malta), l-origini tal-kontejner kienet ic-Cina u kien destinat ghall-Algerja. Bhala kontenut kien dikjarat li fih 1376 kaxxa ***shoes***. Fil-fatt il-kontejner gie mibghut minn CHAL GLOBAL LIMITED FLAT/RM 1610 NAN FUNG TOWER 173 DES VOEUX ROAD CENTRAL HK, waqt li l-konsenjatarji kienu indikati

bhala EURL MATOUGHI IMP/EXP EL MADHER BATNA 05000 ALGERIA.

Fid-19 ta' Lulju 2007 fil-prezenza ta' ufficjali ohra tad-Dwana u tar-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur u wara li s-sigilli gew konfermati bhala intatti, il-kontejner infetah u nstab li fost l-ewwel fillieri tal-kontenut kien hemm xi zraben sportivi. Fost dawn iz-zraben sportivi sabu xi whud li kienu jgorru fuqhom il-markju 'REEDOK' li hu simili ferm ghal markju 'REEBOK' tas-socjeta` estera Reebok International Limited tar-Renju Unit, liema zraben sportivi dehru suspettuzi li kienu kontrafatti. Kienet ittiehdet id-decizjoni li l-kontejner jinzamm ghal aktar investigazzjonijiet u wara li gew elevati xi kampjonarji mill-kontejner, dan kien rega' inghalaq u ssigillat. Ir-rapprezentant ta' l-agent tal-vapur inghata ricevuta tal-kontejner mizmum. Il-kampjunarji li kienu gew elevati gew mghoddija lil Dr. Antoine Camilleri LL.D. ta' MAMO TCV Advocates bhala rapprezentanti legali f'Malta tal-markju 'REEBOK'. Minn ezamijiet li kienu saru fuq dawn il-kampjunarji rrizulta li l-imsemmija zraben sportivi kienu kontrafatti.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati ma jistghux imieru lis-socjeta` rikorrenti ghaliex ma jafu xejn fuq il-fatti. Ma jirrizultax li rcevew xi kumment jew direttiva li tista' tghinnhom fid-difiza. Zgur li xejn minn dak li sostna r-rikorrent ***nomine*** ma gie kontradett.

Fit-23 ta' Jannar 2008 Dr. Patrick Valentino pprezenta nota minn fejn jirrizulta li kiteb lis-socjeta` intimata ghal xi direttivi jew kummenti izda baqa' minghajr risposta.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Irrizulta li Dr. Tonna huwa prokuratur specjali tas-socjeta` estera Reebok International Limited ghal dak li jirrigwarda l-markji u l-protezzjoni tal-markji taghha gewwa Malta. Irrizulta li fl-10 ta' Lulju 2007 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur MV CMA CGM PASSIFLORE konsenja ta' zraben sportivi tal-marka Reedok, gewwa ***container*** CMAU5131245. Dr. Antoine Camilleri kien inghata kampjuni ta' dawn iz-zraben sportivi biex dawn jintbaghtu

barra minn Malta biex jigu ezaminati sabiex jigi stabbilit jekk kienux genwini jew foloz. Instab li dawn kienu kontrafatti. Dawn il-fatti gew konfermati minn George Agius, impjegat tad-Dwana bhala spettur fis-Sezzjoni ta’ l-Infurzar, li semma li fid-19 ta’ Lulju 2007 il-***container*** imsemmi gie miftuh biex jigi ccekkjat. Ikkonferma li ttiehdu xi kampjuni biex jigu analizzati. Provi mill-intimati ma sarux. Fid-dokument esebit a fol 59 et hemm id-dikjarazzjoni ta’ Timothy Behean, ***Associate General Counsel, Intellectual Property Department, adidas International Marketing B.V.***, li fiha jinghad “As requested, after examining the sample, I can confirm that the products in question are definitely counterfeit and that they were not produced by, or with the authorisation of Reebok, or any of their affiliates or licensees, for, among others, the following reasons…”, u hemmhekk jinghataw ir-ragunijiet.

It-talba rikorrenti m’hi b’ebda mod kontradetta.

L-azzjoni rikorrenti hija bazata fuq dak li tipprovdi l-ligi fl-Att tal-1997 dwar id-Drittijiet ta’ Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kap 414).

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Il-fatti msemmija fir-rikors jirrizultaw pruvati.

Illi in vista tad-dikjarazzjoni maghmula minn Timothy Behean u tal-ufficjal tad-Dwana George Agius u ta’ Dr. David Tonna il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi li z-zraben sportivi in kwistjoni, li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u dan skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) tal-Kap 414 u/jew skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003.

Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din il-konsenja ta’ zraben sportivi, li tikkonsisti fi tmint elef u erba’ mitt (8,400) par, da parti tas-socjeta` intimata u li jinsabu maqbuda wara l-

applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta` rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta’ proprjeta` intellettwali tas-socjeta` rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini, skond l-Artikolu 2(1)(a)(i) tal-Kap 414 (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap 414, u dan fil-konfront tat-***Trademark*** irregistrat f’isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numru 17143 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta.

Tiddikjara u tiddeciedi li d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ din l-imsemmija konsenja ta’ zraben sportivi tikkostitwixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 2(1)(a)(i) tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003, u dan fil-konfront tat-***Trademark*** irregistrati f’isem is-socjeta` rikorrenti bin-Numru 17143 fir-Registru tal-Markji ta’ Malta.

Tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjeta` rikorrenti a bazi ta’ l-ewwel talba u/jew tat-tieni talba u/jew tat-tielet talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjeta` intimata, skond l-Artiklu 8 tal-Kap 414.

Dwar il-hames talba fejn intalab lill-Qorti “Tordna kull rimedju iehor li tista’ skond it-termini ta’ l-Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) - Kap 414 tal-Ligijiet ta’ Malta u/jew skond it-termini tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Numru 1383/2003 tat-22 ta’ Lulju 2003, fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti”, fil-fatt ir-rikorrent nomine ma ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thossx opportun li timponi ebda rimedju iehor.

Tordna lis-socjeta` intimata sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u ta’ l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skond it-termini tal-Kap 414.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata, b’dan li provvizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mir-rikorrent ***nomine***.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------